

Brussell, 4 ta' Mejju 2026
(OR. en)

8820/26

UD 120
ENFOCUSTOM 57
FISC 155
ECOFIN 558
MI 425
COMER 76
TRANS 265
DELECT 83

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 30 ta' April 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2026) 2760 final

Suġġett: REGOLAMENTO DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'30.4.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tad-definizzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet doganali u tal-elementi tad-data relatati mad-dazju doganali temporanju ta' EUR 3 fuq il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2760 final.

Mehmuż: C(2026) 2760 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.4.2026
C(2026) 2760 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'30.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tad-definizzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet doganali u tal-elementi tad-data relatati mad-dazju doganali temporanju ta' EUR 3 fuq il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU), b'konsistenza mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tissupplimenta ċerti elementi mhux essenzjali tal-KDU, skont l-Artikolu 290 tat-TFUE. Għalhekk, il-Kummissjoni eżerċitat dawn is-setgħat billi fit-28 ta' Lulju 2015 adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (UCC). Dan ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni stabbilixxa dispożizzjonijiet ta' applikazzjoni ġenerali li jissupplimentaw il-Kodiċi skont is-setgħat delegati tal-Kummissjoni u bl-għan li jiżguraw applikazzjoni ċara u kif suppost tal-UCC.

Sabiex tiġi indirizzata ż-żieda drammatika reċenti ta' merkanzija ta' valur baxx importata direttament minn pajjiżi terzi lil konsumaturi fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali billi jħassar il-Kapitolu V tat-Titolu II ta' dak ir-Regolament, sabiex jiġi applikat dazju doganali semplifikat tranżizzjonali mill-1 ta' Lulju 2026.

Bħala riżultat tal-eliminazzjoni tal-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju doganali, il-merkanzija b'valur intrinsiku sa EUR 150 għal kull kunsinna ("kunsinni ta' valur baxx"), importata direttament minn pajjiżi terzi lil destinatariji fl-Unjoni, se tkun soġġetta għal dazji doganali. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026, l-Istati Membri jkunu jistgħu jittrattaw il-kalkolu u l-għbir tad-dazji doganali l-ġodda dovuti fuq dawn il-kunsinni importati fit-territorju doganali tal-Unjoni. L-oġġettiv huwa li jiġi żgurat li din l-implimentazzjoni tkun effiċjenti, fattibbli fil-qafas tal-leġiżlazzjoni doganali eżistenti u possibbli fis-sistemi tal-IT nazzjonali eżistenti, b'mod partikolari fid-dawl tal-implimentazzjoni futura ta' miżuri speċifiċi tal-kummerċ elettroniku li jinsabu fir-riforma tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, li se jkollhom impatt fuq l-aspetti legali u informatiċi ta' dan id-dazju doganali. Barra minn hekk, l-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali se tappoġġa l-oġġettivi klimatiċi billi ttaffi l-impatti ambjentali sinifikanti tal-iskart eċċessiv mill-imballaġġ, tal-emissjonijiet mit-trasport u tal-konsum żejjed.

Sabiex tindirizza ż-żieda sinifikanti fil-kwantità ta' kunsinni li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni b'valur sa EUR 150, u li għalhekk jibbenefikaw mill-eżenzjoni mid-dazju doganali, filwaqt li timminimizza kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, fl-1 ta' Lulju 2021 il-Kummissjoni implimentat dikjarazzjoni doganali għal dawn il- "kunsinni ta' valur baxx" (l-hekk imsejħa dikjarazzjoni H7) bl-użu ta' sett ta' data speċifiku li fih inqas elementi mid-dikjarazzjoni doganali standard H1. Il-merkanzija li trid tiġi ddikjarata skont id-dikjarazzjoni H7 ibbenefikat mill-eżenzjoni mid-dazju doganali għall-merkanzija b'valur intrinsiku sa EUR 150 għal kull kunsinna. Peress li din l-eżenzjoni mid-dazju ma għadhiex tapplika, bħala riżultat tal-bidliet introdotti bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi aġġornat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni H7.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026 jintroduċi soluzzjoni temporanja semplifikata, fil-forma ta' dazju doganali ta' EUR 3 għal kull oġġett f'kunsinna li l-valur intrinsiku tagħha ma jaqbiżx total ta' EUR 150, li japplika biss għad-detenturi tal-IOSS u għall-kunsinni postali kif definiti fl-Artikolu 1(24) tar-Regolament Delegat tal-

Kummissjoni (UE) 2015/2446. Din il-miżura temporanja se tapplika mill-1 ta' Lulju 2026 sal-1 ta' Lulju 2028, meta l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għall-kummerċ elettroniku mistennija li tiġi varata. Madankollu, jekk il-Kummissjoni tiddetermina li l-Pjattaforma tad-Data mhux se tkun operazzjonali sa dik id-data, hija għandha tippreżenta proposta biex testendi din il-miżura tranżizzjonali.

Id-dazju doganali ta' EUR 3 se japplika għall-merkanzija fil-mira speċifika msemmija fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026, irrispettivament minn jekk din il-merkanzija tkunx iddikjarata f' dikkjarazzjoni H1, H6 jew H7.

Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-merkanzija ta' valur baxx importata direttament minn pajjiżi terzi lill-konsumaturi fit-territorju doganali tal-Unjoni mhijiex konformi mar-regoli tal-prodotti u mal-istandards tas-sikurezza tal-UE. Dan ġie kkonfermat minn operazzjoni ta' kontroll doganali fuq skala kbira madwar l-UE kollha, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, taħt qasam ta' kontroll prijoritarju (PCA), li twettqet fl-2025. Bħala miżura biex jittejjbu l-ġestjoni tar-riskju u l-kontrolli fil-kummerċ elettroniku u biex tiġi żgurata soluzzjoni intermedja għall-infurzar tal-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet qabel ma l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE għall-kummerċ elettroniku tiġi varata f' Lulju 2028, jiġi introdott il-kunċett ta' identifikatur tal-prodott.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan l-Att Delegat ġie diskuss fit-Taqsima tal-Leġiżlazzjoni Ġenerali tal-Grupp ta' Esperti Doganali fl-14 ta' Jannar 2026 u fit-12 ta' Frar 2026.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali ta' dan ir-Regolament tinsab fid-delega tas-setgħa tal-Artikolu 7(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Dan l-Att Delegat jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-UE skont l-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

F'termini ta' proporzjonalità, dan ir-Regolament jirrispetta l-limiti tas-setgħat mogħtija mill-koleġiżlaturi u jikkonċerna biss elementi li jadattaw aħjar id-dispożizzjonijiet ġuridiċi eżistenti għar-rekwiżiti tal-prattika ta' kuljum tal-awtoritajiet doganali u tal-operaturi ekonomiċi u ta' persuni oħra għajr l-operaturi ekonomiċi.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Dan l-Att Delegat għandu l-għan li jallinja l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali. Għalhekk huwa mistenni li jappoġġa ż-żieda fil-baġit tal-UE u fil-baġits tal-Istati Membri, peress li issa se jinġabru dazji doganali ġodda għal merkanzija li qabel kienet taqa' taħt il-limitu ta' eżenzjoni mid-dazju ta' EUR 150 u li għaliha ma kien jinġabar l-ebda dazju doganali.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'30.4.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 fir-rigward tad-definizzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet doganali u tal-elementi tad-data relatati mad-dazju doganali temporanju ta' EUR 3 fuq il-bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbix EUR 150

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 7, il-punt (a), l-Artikolu 131, il-punti (a), (b) u (c), l-Artikolu 160 u l-Artikolu 175 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 143a tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446² jipprevedi l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera li jkun fiha s-sett ta' data speċifiku u mnaqqas imsemmi fl-Anness B ta' dak ir-Regolament Delegat ("id-dikjarazzjoni H7") fir-rigward ta' kunsinna li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju tal-importazzjoni f'konformità mal-Artikolu 23(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009³. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382⁴ jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 billi jħassar l-Artikoli 23 u 24 tiegħu b'effett mill-1 ta' Lulju 2026. B'konsegwenza ta' dan, merkanzija ta' valur intrinsiku li ma jaqbix EUR 150 għal kull kunsinna issa hija soġġetta għal dazji doganali, u l-awtoritajiet doganali iridu jiġbru d-dazji doganali fuq merkanzija f'tali kunsinna irrispettivament mill-valur iddikjarat tagħha.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2026/382 jintroduċi dazju doganali temporanju ta' EUR 3 għal kull oġġett f'kunsinni li l-valur intrinsiku tagħhom ma jaqbix total ta' EUR 150, meta l-importazzjoni tal-merkanzija tkun eżentata mill-VAT f'konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (ca), tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE⁵, jew il-merkanzija tkun f'kunsinna postali, kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (24), tar-

¹ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1186/oj>).

⁴ Regolament tal-Kunsill (UE) 2026/382 tal-11 ta' Frar 2026 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali bbażata fuq il-limitu (ĠU L, 2026/382, 18.2.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2026/382/oj>).

⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>).

Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (“dazju doganali ta’ EUR 3”). Għalhekk, iridu jiġu aġġornati r-regoli stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 dwar l-użu tad-dikjarazzjoni H7, biex jiġi żgurat li f’tali dikjarazzjoni tkun tista’ tiġi ddikjarata biss merkanzija soġġetta għad-dazju doganali ta’ EUR 3.

- (3) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dazju doganali ta’ EUR 3, trid tiġi emendata d-definizzjoni ta’ “merkanzija f’kunsinna postali” prevista fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, sabiex jiġi ċċarat għal liema merkanzija japplika d-dazju doganali ta’ EUR 3, u sabiex jiġi rivedut il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dikjarazzjoni H7.
- (4) Trid tiġi stabbilita definizzjoni formali ta’ “oġġett” fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, biex jiġi żgurat li meta l-merkanzija tiġi ddikjarata bħala oġġetti separati, id-dazju doganali ta’ EUR 3 ikun japplika għal kull oġġett. Dan iseħħ ukoll meta żewġ oġġetti identiċi jew aktar jiġu ddikjarati fuq linji separati f’dikjarazzjoni, għalkemm huwa permess li dawn l-oġġetti identiċi jinġabru flimkien u jiġu ddikjarati f’linja waħda.
- (5) Id-dikjarazzjoni H7 tikkonċerna biss merkanzija f’kunsinni li l-valur intrinsiku tagħhom ma jaqbiżx total ta’ EUR 150, mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE. Peress li dik id-definizzjoni tkopri biss merkanzija importata lil xi klijent fl-Unjoni, mhuwiex meħtieġ li tiġi eskluża b’mod espliċitu merkanzija li l-importazzjoni tagħha hija eżentata mill-VAT f’konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (d), tad-Direttiva 2006/112/KE (l-hekk imsejħa proċedura doganali 42), li huwa relatat ma’ importazzjonijiet minn negozju għal negozju, mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 143a tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.
- (6) Madankollu, id-dazju doganali ta’ EUR 3 japplika irrispettivament minn jekk il-merkanzija tiġix iddikjarata fis-sistemi ta’ dikjarazzjoni H1, H6 jew H7. Għalhekk, l-applikazzjoni ta’ tali dikjarazzjonijiet għall-merkanzija mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod tibqa’ l-istess.
- (7) Il-bidla fid-definizzjoni ta’ “merkanzija f’kunsinna postali” b’dan ir-Regolament teħtieġ emendi korrispondenti, billi din l-espressjoni tiġi sostitwita b’ “merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali”, fir-rigward tad-Dikjarazzjonijiet fil-Qosor tad-Dħul (“ENS”), tad-dikjarazzjoni doganali msemmija fl-Artikolu 144 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 u tal-atti meqjusa bħala dikjarazzjonijiet doganali f’konformità mal-Artikolu 141 ta’ dak ir-Regolament Delegat.
- (8) Sabiex jiġu llimitati l-implikazzjonijiet tal-applikazzjoni tal-faċilitazzjoni stabbilita fl-Artikolu 148(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, il-merkanzija f’kunsinna ta’ valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150, mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata, li tiġi rritornata wara r-rilaxx tagħha għaċ-ċirkolazzjoni libera, jenħtieġ li tiġi eskluża mill-eliġibbiltà għall-invalidazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali kkonċernati.
- (9) L-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jistabbilixxi r-rekwiżiti tad-data komuni għad-dikjarazzjonijiet doganali, inklużi d-dikjarazzjonijiet H1, H6 u H7.
- (10) Ir-responsabbiltà tal-ħlas xieraq tad-dazju doganali ta’ EUR 3 mal-wasla fl-UE jenħtieġ l-ewwel u qabel kolli li tkun tad-dikjarant, jiġifieri tal-pjattaformi u tal-bejjiegħa, jew tat-trasportatur jew tal-aġent li jiddikjara l-merkanzija lill-awtoritajiet doganali. Persuni oħra – inkluż il-konsumatur – jistgħu jiddikjaraw l-oġġetti fi f’it

każijiet residwali biss. Għal dik ir-raġuni, il-kunċetti tal-persuna taxxabbli responsabbli għall-VAT fuq l-importazzjoni skont id-Direttiva 2006/112/KE u tad-debitur tad-dejn doganali skont l-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 jenħtieġ li jiġu allinjati aktar fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija f'kunsinna b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150. Għalhekk, id-dikjarant irid jiġi mmodifikat għall-finijiet tad-dikjarazzjonijiet H1, H6 u H7 fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446. L-emendi korrispondenti tal-ismijiet tal-kolonna tal-ENS f'dak l-Anness iridu jiġu allinjati wkoll mal-bidliet fid-definizzjoni ta' "merkanzija f'kunsinna postali".

- (11) Sabiex jittejjbu l-kontrolli fuq il-merkanzija mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata, jenħtieġ li jiġu introdotti definizzjonijiet u rekwiżiti ġodda dwar l-identifikaturi tal-prodott. Bil-ħsieb li tiġi mminimizzata l-ħtieġa għal aġġustamenti tal-IT fl-Istati Membri, jixraq li jiġu inklużi r-rekwiżiti fl-element tad-data "Dokument ta' sostenn" fl-Anness B tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.
- (12) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi differita sabiex tiġi allinjata mad-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2026/382.
- (13) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punti (24) u (25) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(24) "merkanzija f'kunsinna postali" tfisser merkanzija f'kunsinna ta' valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150, mibjugħa f'bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE, ħlief merkanzija li l-importazzjoni tagħha hija eżentata mill-VAT f'konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (ca), ta' dik id-Direttiva, u merkanzija li tibbenefika minn miżuri preferenzjali, inklużi dawk previsti fil-ftehimiet tal-unjoni doganali;

(25) "operatur postali" tfisser operatur stabbilit fi Stat Membru u maħtur minnu biex jipprovdi s-servizzi internazzjonali rregolati mill-Konvenzjoni Postali Universali adottata fl-10 ta' Lulju 1984 taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li huwa responsabbli biex iwassal oġġetti ta' korrispondenza u merkanzija li jinsabu f'pakkett postali;"

- (b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(57) "identifikatur tal-prodott" tfisser kodiċi alfanumeriku uniku assenjat lil mudell, lott jew oġġett speċifiku, fi kwalunkwe livell tal-imballaġġ, li jiżgura l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà preċiżi u mhux ambigwi tiegħu f'kull stadju tal-katina tal-provvista, mill-offerta għall-bejgħ, inkluż il-bejgħ online jew mill-bogħod, sal-bejgħ, il-provvista u l-attivitajiet ta' wara t-tqegħid fis-suq;

(58) "identifikatur tal-prodott tan-negożjant" tfisser identifikatur tal-prodott assenjat minn bejjiegħ, suq jew pjattaforma online;

(59) “identifikatur tal-prodott mhux standardizzat tal-manifattur” tfisser identifikatur tal-prodott li jiġi assenjat minn manifattur, produttur jew fornitur tal-prodott u li ma jiddependix fuq standards rikonoxxuti internazzjonalment;

(60) “identifikatur tal-prodott standardizzat tal-manifattur” tfisser identifikatur tal-prodott li jiġi assenjat minn manifattur, produttur jew fornitur tal-prodott u li jiddependi fuq standards rikonoxxuti internazzjonalment;

(61) “oġġett” tfisser merkanzija waħda jew aktar f’kunsinna bl-istess klassifikazzjoni tariffarja, bl-istess deskrizzjoni u, jekk tiġi pprovduta f’konformità mar-rekwiżiti tad-data applikabbli għad-dikjarazzjoni doganali rilevanti jew għad-data li għandha tiġi pprovduta jew magħmula disponibbli għall-awtoritajiet doganali, bl-istess orijini.”;

(2) fit-Titolu III, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1, tithassar it-titolu tas-Subtaqsima 1;

(3) fl-Artikolu 104, jitħassar il-paragrafu 2;

(4) fl-Artikolu 106, jitħassar il-paragrafu 4;

(5) l-Artikolu 113a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Meta l-operatur postali ma jqiegħedx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tal-merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali għad-dispożizzjoni tat-trasportatur li jkun obligat jippreżenta l-bqija tad-dettalji tad-dikjarazzjoni permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, daww id-dettalji għandhom jiġu pprovduti jew mill-operatur postali tad-destinazzjoni f’każijiet fejn il-merkanzija tiġi kkonsenjata lill-Unjoni, jew mill-operatur postali tal-Istat Membru tal-ewwel dħul f’każijiet fejn il-merkanzija tkun fi tranżitu mill-Unjoni, lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul f’konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.”;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Meta l-operatur postali ta’ pajjiż terz ma jqiegħedx id-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjoni fil-qosor tad-dħul tal-merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali għad-dispożizzjoni tat-trasportatur li jkun obligat jippreżenta l-bqija tad-dettalji tad-dikjarazzjoni permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 182(1) fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2015/2447, l-operatur postali ta’ pajjiż terz fil-pajjiż tad-dispaċċ, jekk il-merkanzija tiġi trażbordata mill-Unjoni, għandu jipprovidi daww id-dettalji lill-uffiċċju doganali tal-ewwel dħul f’konformità mal-Artikolu 127(6) tal-Kodiċi.”;

(6) fl-Artikolu 138, jitħassar il-punt (f);

(7) fl-Artikolu 140(1), il-punt (d) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(d) merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali jew merkanzija f’kunsinna express li l-valur tagħha ma jkunx ta’ aktar minn EUR 1 000 u li ma tkunx soġġetta għad-dazju fuq l-esportazzjoni;”;

(8) l-Artikolu 141 huwa emendat kif ġej:

(a) jitħassar il-paragrafu 3;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“4. Il-merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali b’valur ta’ mhux aktar minn EUR 1 000 li ma tkunx soġġetta għal dazju fuq l-esportazzjoni għandha titqies li hija ddikjarata għall-esportazzjoni abbażi tal-ħruġ tagħha mit-territorju doganali tal-Unjoni.”;

(9) fl-Artikolu 142, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) merkanzija li fir-rigward tagħha ssir applikazzjoni għall-ħlas lura tad-dazju jew ta’ imposti oħra sakemm din l-applikazzjoni ma tikkonċernax l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta’ merkanzija soġġetta għal eżenzjoni mid-dazju fuq l-importazzjoni f’konformità mal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009;”;

(10) l-Artikolu 143a huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 143a

Dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta’ merkanzija f’kunsinna ta’ valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150 mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

Il-merkanzija f’kunsinna ta’ valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150, mibjugħa f’bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE, tista’ tiġi ddikjarata għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera abbażi tas-sett ta’ data speċifiku msemmi fil-kolonna H7 tal-Anness B ta’ dan ir-Regolament, bil-kundizzjoni li l-merkanzija f’dik il-kunsinna ma tkunx soġġetta għal projbizzjonijiet u restrizzjonijiet.”;

(11) l-Artikolu 144 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 144

Dikjarazzjoni doganali għal merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà ta’ operatur postali

(Artikolu 6(2) tal-Kodiċi)

Operatur postali jista’ jippreżenta dikjarazzjoni doganali għal rilaxx għal ċirkolazzjoni libera li jkun fiha s-sett imnaqqas tad-data msemmi fil-kolonna H6 tal-Anness B fir-rigward ta’ merkanzija ttrasportata taħt ir-responsabbiltà tiegħu meta l-merkanzija tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-valur tagħha ma jkunx ta’ aktar minn EUR 1 000;

(b) ma tkunx soġġetta għal projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet.”;

(12) fl-Artikolu 148(3), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata, kif definit fl-Artikolu 14(4), il-punt (2), tad-Direttiva 2006/112/KE, f’kunsinna ta’ valur intrinsiku li ma jaqbiżx EUR 150.”;

(13) l-Anness B huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (2), l-ittri (a) u (b), tal-Anness għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2026. Madankollu, l-operaturi jistgħu jipprovdu d-data b'mod volontarju skont il-punt (2), l-ittri (a) u (b), tal-Anness mill-1 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30.4.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN